# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 2 ta' April 2001

Citazzjoni numru 323/2000 AJM

Kawza numru

Zak Rome Ltd

Vs

Claudio Cutajar u John Vella

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-21 ta' Frar 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet li l-konvenuti huma debituri taghha fis-somma ta' elf sebgha mija u disgha u erbghin lira u sitta u disghin centezimu (LM1,749.96) import ta' sitt kambjali ta' mitejn u wiehed u disghin lira u sitta u sittin centezimu (LM291.66) il-wahda, skaduti u disonorati mill-konvenuti, liema kambjali jkopru parti mill-prezz ta' skuna, lilhom mibjugha u kkonsenjata; illi l-konvenuti interpellati ripetutament sabiex ihallsu baqghu inadempjenti; illi l-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu kontra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna taghhom ghall-hlas tas-somma fuq citata; talbet li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1,749.96, import ta' sitt kambjali skaduti u minnhom disonorati.
2. Tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh u dana a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-konsult u tal-mandati ta' sekwestru rispettivament numri 2870/99 u 593/2000 tal-21 ta' Frar u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mil-attur.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Marzu 2000 meta l-konvenuti nghataw il-fakolta jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fl-4 ta' April 2000 li biha eccepew:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi ma jezistu ebda kambjali a favur tas-socjeta' Zak Rome Limited u ghalhekk ma tezisti ebda relazzjoni guridika mal-istess.
2. Illi l-eccipjenti jammetti li ghandu jhallas lis-socjeta' Power Centre Limited s-somma ta' tmin mija erbgha u sebghin lira maltin u tmienja u disghin centezimu (LM874.98) rappresentanti tlett kambjali enumerati 33, 34 u 35 li huma tlettkambjali ezebiti bhala dok 5, 6 u 7 liema ammissjoni ta' hlas giet registrata fil-verbal tal-Qorti tal-24 ta' Marzu 2000.
3. Illi l-eccipjenti jirrikonoxxi li tali kambjali huma dovuti, izda qatt ma saret ebda interpellazzjoni ta' hlas stante li kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-eccipjenti dejjem hallsu u sahansitra

kienu ikkonkludew skrittura ta' trasnsazzjoni li qed tigi hawn annessa u markata Dok CC1.

4. Illi nkwantu ghall-ammont rappresentat fid-dokument AM2 u AM3 rappresentanti kambjali numerati 20 u 21 dawn kienu gew debitament mhallsa u permezz ta' cekk datat 17 ta' Dicembru 1998 – Dok CC2.
5. Illi nkwantu l-hlas ta' dokument AM4 u cioe kambjala numru 28 din kellha tigi ceduta permezz tal-konsenja ta' alarm li s-socjeta' attrici rrifjutat minghajr ebda raguni li taccetta u dan kontra dak miftiehem fl-iskrittura ta' transazzjoni tat-23 ta' Awissu 1999.
6. Illi s-socjeta' Power Centre Limited ripetutatment naqset li tippresenta l-kambjali nnfishom u ppretendiet il-hlas minghajr qatt ma rrilaxxat debita ricevuta. Illi di pju l-konvenuti kienu dejjem ihallsu LM300 ghal kambjali li huma anqas min dik is-somma. Illi fil-fatt kien biss wara t-transazzjoni li l-istess socjeta' kkonsenjat s-sensiela ta' kambjali li baqghet tiddetjeni minghajr ebda dritt izda bl-unika skop li zzomm l-konvenut fi stat fejn ma jkunx jaff ezattament dak minnhom dovut.
7. Illi l-konvenuti ma ghandhomx jirrispondu ghal ebda hlas gudizzjarju stante li l-atturi naqqsu li jaghmlu interpellazzjoni u di pju kienu jafu ben tajjeb li l-konvenuti hallsu l-imsemmija kambjali.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti u d-dokumenti minnhom ezebiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2000 meta Dr. Godfrey Gauci Maestre ghas-socjeta' attrici nforma l-Qorti li fil-mori tal-kawza kienu "gew mhallsa erba' kambjalijiet mertu tal-kawza."

Illi sussegwentement u cioe fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2001 l-istess Dr. Gauci Maestre filwaqt li ghamel referenza ghall-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2000 iddikjara "li l-kambjali li gew imhallsa mhux mertu ta' din il-kawza u qed tigi ppresentata nota f'dan is-sens."

Illi bin-nota imsemmija giet esebita "skrittura privata" ossia ircevuta datata 15 ta' Lulju 2000 u iffirmata minn Angelic Mifsud fejn gie dikjarat li s-socjeta' Zak Rome Ltd gja Power Centre Co. Ltd irceviet is-somma ta' LM2,080 akkonta ta' diversi kambjali skaduti. "Dana minghajr pregudizzju ghall-kawza pendenti bejn il-partijiet."

Illi l-konvenuti f'dik l-udjenza naqsu li jidhru jew li jresqu l-provi taghhom u ghalhekk il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum in difett ta' ostakolu – liema ostakolu ma tqajjimx.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-assjem tal-fatti f'din il-kawza jidher li kien sar negozju bejn is-socjeta' Power Centre Co. Ltd u l-konvenuti koncernanti bejgh ta' lancja. Jidher ukoll li in garanzija tal-hlas tal-prezz jew bilanc tieghu gew mahruga favur is-socjeta venditrici diversi kambjali.

Illi sussegwentement s-socjeta' Power Centre bidlet isimha ghal Zak Rome Limited u dan huwa fatt rizultanti mhux biss mir-ricevuta fuq imsemmija u ezebiti mill-attur fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2001 izda mill-kumpless tan-nota ta' eccezzjonijiet tal-istess konvenuti.

Illi jsegwi li l-ammonti indikati fil-kambjali annessi mac-citazzjoni huma jew kienu dovuti lis-socjeta' attrici, izda l-konvenuti eccepew l-pagament

fir-rigward tal-kambjali numerati 20 u 21 Dok AM2 u AM3 skaduti rispettivament fl-4 ta' Novembru u fl-4 ta' Dicembru 1998, u tpacija, skond transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet, fir-rigward tal-kambjala numru 28 Dok AM4 skaduta fl-4 ta' Lulju 1999. Ghal bqija u cioe dak li jirrigwarda l-kambjali numerati 33, 34 u 35 ghall-ammont ta' LM291.66 kull wahda, jidher li ma hemmx kontestazzjoni.

Issa f'li skrittura Dok CC1 ppresentata mill-konvenuti man-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, (bla data – ghalkemm jinghad fl-elenku tad-dokumenti li din giet redatta u ffirmata fit-23 ta' Awissu 1999) jinghad hekk fir-rigward tal-kambjali 20 u 21:-
"4. Il-partijiet jaghmlu referenza ghal kambjala (sic) 20 u 21 u jirrizervaw li jaghmlu l-verifiki taghhom peress illi l-ewwel parti (s-socjeta' attrici) tinstab issostni li ghandu jsir il-hlas u t-tieni parti (il-konvenuti) isostnu li l-hlas effettivament sar."

Man nota tal-eccezzjonijiet gie ukoll ezebit kopja fotostatika ta' cheque mahrug fuq il-Bank of Valletta minn Claudio Cutajar favur is-socjeta' Power Centre in sostenn tal-eccezzjoni tal-pagament ta' dawn iz-zewg kambjali.

Is-socjeta' attrici ma ghamlet ebda kumment dwar dan l-allegat pagament u billi jidher li l-hlas sar ftit wara li kienet dovuta l-kambjala numru 21 u l-ammont jkopri zewg kambjali, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti ssodisfaw l-paragrafu (4) tal-ftehim fuq imsemmi stante li ingiebet prova ta' hlas ta' dawn iz-zewg kambjali.

Illi dwar il-kambjala numru 28 (Dok AM4) il-ftehim fuq imsemmi jipprovdi hekk:-

"5. Il-partijiet jaqblu li in kwantu ghal hlas tal-kambjala numru 28 din ser tigi kkonsenjata minghajr hlas effettiv mit-tieni parti (il-konvenuti) purke fi zmien gimgha u cioe sat 30 ta' Awissu 1999 it-tieni parti tikkunsinna ...... alarm ......"

Il-konvenuti isostnu li din il-kambjala ukoll ma ghandhiex tigi onorata billi huma offrew dan l-apparat lis-socjeta' attrici izda gie rifjutat minghajr ebda raguni valida. Din il-Qorti mhux tenuta tindaga fuq ir-ragionevolezza tas-socjeta' attrici fir-rifjut billi setgha kien hemm ragunijiet validi ghal dan. Huwa pero' cert li l-appart ghadu f'idejn il-konvenuti, kif jammettu huma stess u konsegwentment l-kambjala ghadha dovuta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija sitta u sittin lira maltin erbgha u sittin centezimu (LM1166.64) rappresentanti import ta' erbgha kambjali mhux mhallsa u skaduti u dana billi jirrizulta li zewg kambjali ohra ezebiti jinsabu mhallsin.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi mill-konvenuti u terz mis-socjeta' attrici.

Onor Imhallef Albert J.Magri